A.L. 158 ta' l-1989

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI ("STOCK" U TITOLI REĠISTRATI — KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, għall-Ħruġ ta' Lm4,500,000 6¼% Stock Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1995

IT-TIENI ĦRUĠ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati — Kap. 161) il-Ministru tal-Finanzi awtorizza l-ħruġ ta' Lm4,500,000 6¼% Stock Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1995 (it-Tieni Ħruġ) kif ġej:—

Mod tal-ħruġ ta' l-*istock*.

1. L-*istock* jinħareġ bil-prezz ta' Lm100 fil-mija u jingħata fuq applikazzjoni. Meta jitħallas għal kollox l-*istock* jiġi reġistrat. Applikazzjonijiet għall-għoti ta' l-*istock* jiftħu l-Erbgħa, 20 ta' Diċembru, 1989 u jagħlqu f'nofsinhar tas-26 ta' Diċembru, 1989 jew qabel fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

Somma ta' flus li għandha tingħabar

2. Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-i*Stock* tkun ta' Lm4,500,000.

Rata ta' imgħax u dati tal-ħlas.

3. L-imgħax għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fis-27 ta' Ġunju u fis-27 ta' Diċembru ta' kull sena matul il-kors ta' l-*istock* . L-ewwel ħlas ta' Lm3.12,5 kull Lm100 *stock* relattivament għall-perijodu bejn it-28 ta' Diċembru, 1989 u s-27 ta' Ġunju, 1990, għandu jsir fis-27 ta' Ġunju, 1990.

Rata ta' kontribuzzjoni għall-ammortizzament.

4. Approprjazzjoni kull sitt xhur ta' mhux anqas minn Lm45,000 mid-dħul ġenerali u mill-attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni għall-fond ta' ammortizzament sabiex jifdi l-*istock*. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir fi żmien sena mit-28 ta' Diċembru, 1989.

Fidwa ta' *Stock*.

5. L-*istock* għandu jiġi mifdi b'parita' f'dik id-data bejn l-1 ta' Jannar, 1995 u l-31 ta' Diċembru, 1995 (iż-żewġ dati magħdudin) kif jiġi stabbilit mill-*Accountant General u avżat fil-Gazzetta. L-istock* jiġi mifdi biss mal-konsenja taċ-ċertifikat ta' l-*istock* maħruġ.